# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Edwina Grima

Appell Nru. 222/2019

Seduta tat-23 ta' April 2021

**Il-Pulizija**

**Vs**

**-Omissis 1-**

**-Omissis 2-**

**Mario Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Mario Mallia, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 19998(M) akkużat talli f'diversi okkażjonijiet matul ix-xahar ta' Ottubru 2015, kif ukoll fi ġranet u/jew xhur ta' qabel, ġewwa t-*tunnel* tal-*interconnector* li huwa aċċessibbli mill-Imsida, mill-Magħtab u minn St. Andrews, u f'dawn il-gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' *cables* tal-elettriku għad-detriment tal-Gvern ta' Malta u tal-kumpanija Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li kien iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu, u bil-ħin – Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(3), 279(b), 280(2);
2. Volontarjament għamel ħsara fil-makkinarju jew fil-gumi tal-elettriku, jew ikkaġunaw, it-telf tal-kurrent elettriku: (Artikolu 326© tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

B'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, kisru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, u ċioe';

3. Talli f'xi ħin bejn it-tlieta u għoxrin u d-disgħa u għoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax, minn ġewwa l-fabbrika bl-isem ta' *Tender Fresh Food Processing* li tinsab fi Triq Giuseppe Garibaldi, l-Marsa, kkommetta serq ta' *cables* u oġġetti oħra għad-dannu ta' Edmund Azzopardi, u/jew persuni oħra jew intrapriżi oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li kien iżjed minn dak ta' elfejn, tliet mija, disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu: Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 278(3), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara kienet iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro għad-dannu ta' Edmund Azzopardi u/jew persuni jew intrapriżi oħra: Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Talli f'xi ħin bejn il-wieħed u tletin ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax u t-tlieta ta' Novembru tas-sena elfejn u ħmistax, minn ġewwa fabbrika bl-isem ta' *Tender Fresh Food Processing*, li tinsab fi Triq Giuseppe Garibaldi, l-Marsa, kkommetta serq ta' *cables*, pajpijiet tar-ramm u oġġetti oħra għad-dannu ta' Edmund Azzopardi, u/jew persuni oħra jew intrapriżi oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li mhux iżjed minn dak ta' elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu, Artikolu 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 278(3), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Talli f'xi ħin bejn il-ħamsa u għoxrin ta' Novembru u t-tnejn ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħmistax minn ġewwa fabbrika bl-isem ta' *Tender Fresh Food Processing* li tinsab fi Triq Giuseppe Garibaldi, l-Marsa, kkommettew serq ta' diversi oġġetti fosthom bibien tal-aluminju, miżien, pjatta forma tal-*istainless steel*, u *wires* tar-ramm għad-dannu ta' Edmund Azzopardi u/jew persuni jew intrapriżi oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma kienx iżjed minn dak ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u s-sebgħa u tletin ċenteżmu. Artikolu 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 278(3), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Talli nhar it-tlieta u għoxrin ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħmistax għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar minn ġewwa fabbrika bl-isem ta' *Tender Fresh Food Processing* li tinsab fi Triq Giuseppe Garibaldi, l-Marsa, bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta' serq, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt billi aċċedew fl-imsemmi lok, iżda d-delitt ma kienx laħaq ġie esegwit minħabba li kien ġie arrestat mill-pulizija u li kieku kien esegwit, is-serq kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn, tlett mija, disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu għad-dannu ta' Edmund Azzopardi u/jew persuna/i jew intrapriżi oħra, Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 278(3), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Ukoll talli rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 (u fil-każ ta' Clyde Mallia bl-Artikolu 289) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi definittivi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Lulju, 2019, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli ndikati mill-Avukat Ġenerali, u senjatament l-artikoli:

1. Fl-Artikoli 18, 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(2)(3), 279(b), u 280(2) tal-Kapitoli 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikolu 326(c) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(2)(3), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(2)(3), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(2)(3), 279(a) u280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(2)(3), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Fl-Artikoli 17, 31, 49, 50, 532A, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' Mario Mallia waħdu:-

9. Fl-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Sabet lil Mario Mallia ħati tas-seba' u tad-disa' mputazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu, u filwaqt li lliberatu mill-bqija tal-imputazzjonijiet, ikkundannatu għall-piena ta' disa' xhur priġunerija. Wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ordnat ukoll il-ħlas tal-ispejjeż peritali nkorsi matul dawn il-proċeduri relatati mat-tentattiv ta' serq fis-seba' mputazzjoni ammontanti għal sitt mija, wieħed u għoxrin ewro u seba' u erbghin ċenteżmu (€621.47), liema somma għandha tinqasam bejn l-imputati.

Rat ir-rikors tal-appellant Mario Mallia, ppreżentat fil-25 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil Qorti tilqa' l-appell billi <u>tirriforma</u> s-sentenza appellata u dana billi <u>tikkonfermaha</u> f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mill-imputazzjonijiet enumerati wieħed, tnejn, tlieta, erbgħa, ħamsa, sitta miġjuba fil-konfront tiegħu. <u>Tħassarha, tirrevokaha</u>,

tikkanċellaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet enumerati sebgħa (7) u d-disgħa (9) miġjub fil-konfront tiegħu u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentment tilliberah minnhom; sussidjarjament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat is-sentenza preliminari tas-27 ta' Novembru 2020 fejn il-Qorti ċaħdet l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant u ordnat il-kontinwazzjoni tas-smigħ tal-appell fuq l-aggravji rimanenti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi sorvolot il-preġudizzjali dwar in-nullita' tas-sentenza appellata jifdal biex jiġu trattati l-aggravji rimanenti imressaq mill-appellant li essenzjalment huma marbut mas-sejbien ta' ħtija għas-seba' u id-disa' mputazzjoniet miġjuba kontra tiegħu. Jikkontendi l-appellant, illi l-Ewwel Qorti malament sabitu ħati tar-reat tat-tentattiv tas-serq u dan minħabba nuqqas ta' provi sal-grad rikjest fil-liġi sabiex din ir-responsabbiltà penali tissusisti. Illi anke jekk il-Qorti kellha tasal sabiex issib ħtija, kellu jemerġi mill-provi x-xenarju tad-deżistenza volontarja biex b'hekk allura huwa għandu jwieġeb biss għal dawk l-atti inkriminatorji li seta' kkometta sa dak l-istadju. In oltre għal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni marbuta mal-ksur tal-Ordni tal-Probation kif imfisser fid-disa' mputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, l-appellant huwa tal-fehma illi ma hemm ebda prova fl-atti li tindika illi s-sentenza fejn ġiet imposta din l-ordni fuqu kienet fil fatt għaddiet in ġudikat fil-mument meta ġie kommess ir-reat li

dwaru ġie misjub ħati. Illi fuq kollox il-Prosekuzzjoni naqset milli tippreżenta kopja uffiċjali ta' din is-sentenza debitament ikkonfermata mid-deputat reġistratur. Finalment u alternattivament jitlob li l-piena inflitta fuqu tiġi ridotta peress illi jisħaq li din hi waħda eċċessiva.

Illi il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża minn fejn jirriżulta illi dan il-każ ra t-twelid tiegħu wara rapport ta' diversi serqiet li kienu qed iseħħu mill-fabbrika tat-*Tender Fresh Food Processors* li tinstab ġewwa Triq Garibaldi, il-Marsa. Illi f'dawn is-serqiet kienu ttieħdu mill-malviventi oġġetti bħal *cables* u xi pajpijiet tar-ramm. Id-derubat Edmond Azzopardi kien stqarr illi l-valur tar-*res furtiva* u tal-ħsarat kienu jeżorbitaw it-€30,000. Illi għalhekk infetħet inkjesta maġisterjali dwar dawn is-serqiet, fejn sussegwentement il-pulizija ġew infurmati li kien sar rapport ieħor fit-23 ta' Diċembru 2015 mill-istess Azzopardi fejn stqarr li kien reġa' safa misruq, fejn din id-darba insterqu diversi oġġetti oħra inkluż miżien kbir, biċċiet tar-ramm, biċċiet tal-ħadid, xi *installations* tal-arja kondizzjonata, kif ukoll xi *fridges*. Dakinhar stess il-pulizija marru jinvestigaw mill-ġdid u meta wasslu fuq il-post sabu żewġ persuni f'din il-fabbrika, fosthom l-appellant Mario Mallia, li nqabbdu fil-pussess ta' xi għodda li x'aktarx kienu ntużaw sabiex jaċċedu għal ġol-fabbrika. La l-appellant u lanqas il-kompliċi tiegħu ma kellhom permess jaċċedu ġo din il-fabbrika mis-sid u kwindi ma setgħux jiġġustifikaw il-presenza tagħhom fuq ix-xena tar-reat. Minn l-investigazzjonijiet magħmula mill-pulizija irriżulta illi dawn it-tnejn minn nies kienu kisbu aċċess għal fond minn toqba, tant illi ġie nnutat illi l-appellant u sieħbu kienu mimlijin trab. Illi minn fuq il-post u fuq l-oġġetti elevati ġew misjuba diversi marki tas-swaba mill-uffiċjali tax-xena tar-reat fejn minn analiżi li saret jidher illi waħda minn dawn il-marki tas-swaba kienet taqbel mas-sebgħa tan-nofs tal-id ix-xellugija ta'l-kompliċi ta'appellant Clyde Mallia li ġie interċettat miegħu mill-pulizija. Din il-marka ddokumentata bħala Dok 15 CPU CP1 ġiet elevata minn fuq tubu tad-dawl (*LED light bar)* li nstab fuq ix-xena tar-reat.

Minn dawn il-fatti probatorji, għalhekk, jemerġi illi l-Ewwel Qorti sejset is-sejbien ta' ħtija għas-seba' imputazzjoni unikament fuq il-provi indizzjarji mressqa mill-

Prosekuzzjoni. Illi:

> **Huwa prinċipju fondamentali fil-proċess kriminali li l-liġi teżiġi li kull min jrid jipprova xi ħaġa, għandu jressaq l-aħjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-aħjar prova mhix disponibbli. Hu veru wkoll, iżda, li min għandu jiġġudika jista'', skond il-liġi, u minkejja dan il-prinċipju fondamentali appena msemmi, joqgħod fuq ix-xhieda anke ta' persuna waħda jekk b'dak li tgħid din il-persuna, jikkonvinċi lill-gudikand sal-grad tal-konvinċiment morali mill-ħtija tal-persuna akkużata.**
>
> **L-prova indizzjarja trid tkun waħda assolutament univoka, li tipponta biss mingħajr dubju dettat mir-raġuni lejn fatt jew konklużjoni waħda. Ovvjament jekk fatt jew ċirkostanzi jistgħu raġonevolment jingħataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni waħda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-liġi, sabiex in bażi tagħha tista' tinstab ħtija. Kif tgħid u titlob il-liġi, biex prova ndizzjarja tiġi ammessa bhala prova valida fis-sens li wieħed jista' raġonevolment jasal għall-konklużjoni tiegħu ta' ħtija in bażi tagħha bla ebda dubju dettat mir-raġuni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwiżit ta' l-univocita' tagħha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkużat huwa ħati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju raġonevoli fir-rigward għandu jmur favur l-akkużat skond il-liġi.**
>
> **Wieħed għandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja għaliex għalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li faċilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jgħamel l-interpretazzjoni w apprezzament tagħha[1].**

Spjanat dan l-insenjament ġuridiku huwa indubitat illi f'dan il-kaz taħt il-lenti tal-Qorti jeżistu diversi indizji li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tistrieħ fuqhom fl-apprezzament tagħha tal-provi. Jibda biex jingħad illi l-appellant ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni jew raġuni sabiex jkun preżenti fil-fabbrika meta nstab mill-pulizija. Fil-fatt jidher illi din il-fabbrika kienet ilha magħluqa għal xi żmien u ma kienitx aktar qed tintuża. Mhux biss iżda fuq il-persuna tiegħu u tal-kompliċi tiegħu ġew misjuba biċċtejn ram kif ukoll għodda li setgħet tintuża minnu sabiex jiġi kommess ir-reat, għodda li tintuża sabiex jitqaxxru il-*wires* biex minnhom imbagħad jittieħed ir-ramm. Fil fatt ħdejn din l-għodda instabu żewġ biċċiet ramm. Abbinat ma' dan, mhux biss hemm il-marka tas-swaba tal-kompliċi Clyde Mallia li ġie interċettat

[1]Repubblika ta' Malta vs George Spiteri mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002

fuq ix-xena tar-reat flimkien mal-appellant, fuq tubu tad-dawl li instab fuq il-post, iżda anke il-fatt illi l-appellant u sieħbu kienu mimlija trab huwa indikattiv illi dawn kisbu aċċess mit-toqba fil-ħajt li instabet fuq il-faċċata tal-fabbrika, u mhux minn aċċess leġittimu. Illi l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha hija tal-fehma illi kienu l-pulizija li sfrattaw is-serqa milli isseħħ meta sabu lill-appellant u lil sieħbu fil-fabbrika u ma kien hemm ebda deżistenza volontarja, kif donnu jissuġġerixxi l-appellant. Din il-Qorti għalhekk ma tara li hemm ebda motiv li jista' iġiegħlha titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti. Konsegwentement il-Qorti tiċħad l-aggravji kollha dwar il-mertu u tikkonferma s-sejbien ta' ħtija għas-seba' mputazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant ġie misjub ħati ukoll illi wettaq dan ir-reat waqt perijodu operattiv ta' Ordni ta' Probation ghal tlett snin imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-11 ta' Marzu 2015. Illi din is-sentenza hija esebieta *a folio* 534 tal-atti proċesswali. Dan id-dokument huwa kopja uffiċjali tal-komparixxi, bis-sentenza miktuba *di proprio pugno* mill-Magistrat fuqha, liema dokument huwa awtentikat mid-deputat reġistratur tal-Qrati ta' Ġustizzja bħala vera kopja tad-dokument oriġinali. Dan id-dokument abbinat imbagħad mal-prova magħmula permezz tal-fedina penali tal-appellant għandu jitqies bħala prova tal-kontenut tiegħu. Ma jidhirx lanqas mill-fedina penali aġġornata tal-appellant illi kien ġie intavolat appell minn din is-sentenza li allura għandha titqies bħala waħda finali. Mhux biss iżda minn dak dikjarat mill-Ufficjal tal-Probation stess Deborah Farrugia jidher illi din l-Ordni kienet qed tiġi esegwita bl-appellant jidher ma tantx kien qed juri impenn u jobdi l-ordnijiet imposti fuqu[2]. Konsegwentement, tenut kont tal-fatt illi r-reat mertu ta' dan il-każ u li tiegħu instab ħati l-appellant seħħ fit-23 ta' Diċembru 2015 din il-Qorti hija tal-fehma illi anki għal dak li jirrigwarda d-disa' mputazzjoni l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija u għalhekk anke dan l-aggravju huwa miċħud.

**Ikkunsidrat:**

[2] Ara rapport ta' Deborah Farrugia a fol. 519 tal-proċess u xiehda a fol. 704 et seq.

Illi jifdal biss l-aħħar aggravju imqanqal mill-appellant marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti li fil-fehma tiegħu hija waħda eċċessiva. Jibda biex jingħad illi l-piena ta' disa' xhur priġunerija hija waħda li taqa' fil-parametri tal-liġi anki fid-dawl taż-żieda fil-piena minħabba li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta'Malta l-Ewwel Qorti ttrattat miegħu għar-reat li dwaru saret dik l-ordni[3]. Fir-rigward tal-*quantum* u kwalità tal-piena din il-Qorti l-ewwel nett tirreferi għad-depożizzjoni tal-Uffiċjal tal-*probation* li kienet qed issegwi lill-appellant, Deborah Farrugia[4], kif ukoll għall-fedina penali tal-appellant illi hija waħda refrattarja. Jidher illi almenu sa żmien meta tat ix-xhieda tagħha l-Uffiċjal tal-Probation l-appellant ma tantx deher interessat illi jgħin lilu nnifsu sabiex jaqbad it-triq 'il bogħod mill-ħajja tal-kriminalità u ma tressqet l-ebda raġuni valida sabiex din il-Qorti tvarja jew tirriduċi il-piena erogata fil-konfront tiegħu. Kwindi anke dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur

[3] Artikolu 47(1) u artikolu 51(8) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta - multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu(232.94) jew il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien
[4] Fol.704 tal-proċess